Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,128, 10 ta' Ottubru, 2023*
*Taqsima C*

# Nru 70

10. 10. 2023

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Clifton Grima, M.P., Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-3 ta' Ottubru 2023.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Clifton Grima, M.P., Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, and read the First time at the Sitting of the 3rd October 2023.

**AN ACT to amend the Further and Higher Education Act, Cap. 607.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 607.

**2.** L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "mhux anqas minn ħames (5) membri u mhux aktar minn seba' (7) membri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhux anqas minn sitt (6) membri u mhux aktar minn disa' (9) membri";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "sa ħames (5) persuni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sa sitt (6) persuni";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "b'Diżabilità; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b'Diżabilità;"; u

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "msemmi fl-artikolu 17." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "msemmi fl-artikolu 17; u" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) student li jkun qiegħed isegwi programm

Verżjoni Elettronika



ta' studju sħiħ f'Livell MQF 7 jew ogħla"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "taċ-Chairperson." għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Dan japplika wkoll f'każ ta' riżenja jew tneħħija taċ-Chairperson, sakemm jinħatar Chairperson ġdid.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Kumitat għandu jinħatar mill-Bord wara sejħa pubblika, fejn il-kumitat tal-għażla għandu jkun magħmul miċ-Chairperson tal-Bord, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, jew rappreżentant maħtur minnu, u mill-persuna responsabbli mill-Kwalità u Standards fi ħdan l-Awtorità. Il-Kumitat għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) persuna waħda (1) li jkollha fil-pussess tagħha kwalifika fil-Livell MQF 8 fil-qasam tal-Arti li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(b) persuna waħda (1) li jkollha fil-pussess tagħha kwalifika fil-Livell MQF 8 fil-qasam tax-Xjenza li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(ċ) persuna waħda (1) li jkollha fil-pussess tagħha kwalifika fil-Livell MQF 8 fil-qasam tal-Edukazzjoni Vokazzjonali li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(d) żewġ (2) persuni li jkunu kompetenti fil-qasam tal-Kwalità tal-Assigurazzjoni fl-Edukazzjoni li għandhom jinħatru għal perjodu massimu ta' erba' (4) snin;

(e) avukat li jkollu l-esperjenza u l-kwalitajiet meħtieġa skont il-liġi sabiex jiġi appuntat maġistrat li għandu jinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(f) persuna waħda (1) mill-qasam Mediku jew professjonijiet anċillari li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(g) żewġ (2) studenti li jkunu qegħdin isegwu programm ta' studju sħiħ li jwassal għal kwalifika f'Livell MQF 7 jew ogħla u li għandhom jokkupaw l-irwol għal perjodu massimu ta' sentejn (2).".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi huma sabiex jemendaw l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Kap. 607) sabiex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu rappreżentati f’livell ta’ Bord u li l-Kumitat għall-Assikurazzjoni ta’ Kwalità jkun kompost aħjar u aktar awtonomu, b’hekk tiġi żgurata trasparenza akbar fid-deċiżjonijiet meħuda.

Verżjoni Elettronika



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Further and Higher Education Act, Cap. 607.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

Cap. 607.

**1.** The short title of this Act is the Further and Higher Education (Amendment) Act, 2023 and this Act shall be read and construed as one with the Further and Higher Education Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 8 of the principal Act.

**2.** Article 8 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in sub-article (1) thereof, the words "not less than five (5) and not more than seven (7) members" shall be substituted by the words "not less than six (6) members and not more than nine (9) members";

(b) sub-article (2) thereof shall be amended as follows:

(i) in paragraph (a) thereof, the words "up to five (5) persons" shall be substituted by the words "up to six (6) persons";

(ii) in paragraph (b) thereof, the words "with Disability; and" shall be substituted by the words "with Disability;"; and

(iii) in paragraph (c) thereof, the words "referred to in article 17." shall be substituted by the words "referred to in article 17; and" and immediately after there shall be added the following new paragraph:

"(d) a student following a full programme of

Verżjoni Elettronika



studies at MQF Level 7 or higher"; and

(c) in sub-article (3) thereof, immediately after the words "of the Chairperson." there shall be added the words "This also applies in the case of a resignation or removal of the Chairperson, until a new Chairperson is appointed".

**3.** Sub-article (3) of article 17 of the principal Act shall be substituted by the following new sub-article: Amendment of article 17 of the principal Act.

"(3) The Committee shall be appointed by the Board after a public call, where the selection committee shall be made up from the Chairperson of the Board, the Chief Executive Officer, or a representative appointed by him, and the person responsible for the Quality and Standards within the Authority. The Committee shall be made up of the following members:

(a) one (1) person in possession of a qualification at MQF Level 8 in the Arts sector who shall be appointed for a maximum period of three (3) years;

(b) one (1) person in possession of a qualification at MQF Level 8 in the Science sector who shall be appointed for a maximum period of three (3) years;

(c) one (1) person in possession of a qualification at MQF Level 8 in the Vocational Education sector who shall be appointed for a maximum period of three (3) years;

(d) two (2) persons having expertise in Quality Assurance in Education who shall be appointed for a maximum period of four (4) years;

(e) a lawyer who has the necessary experience and qualities according to law to be appointed as a magistrate who shall be appointed for a maximum period of three (3) years;

(f) one (1) person from the Medical sector or ancillary professions who shall be appointed for a maximum period of three (3) years;

(g) two (2) students who are following a full programme of studies leading to a qualification at MQF Level 7 or higher and who shall occupy the role for a maximum period of two (2) years.".

Verżjoni Elettronika



**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to amend Further and Higher Education Act (Cap. 607) to ensure that students are represented at Board level and that the Quality Assurance Committee is better composed and more autonomous, thus ensuring greater transparency in the decisions taken.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

Prezz/*Price*
€0.36